Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

# Foundation Findings

# Flessigurtà – Kwistjonijiet u sfidi

Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, Irlande. - Téléphone: (+353 1) 204 31 00 - Télécopie: 282 42 09 / 282 64 56
Courriel: postmaster@eurofound.europa.eu - Site web: www.eurofound.europa.eu

# L-isfond tal-politika

Il-flessigurtà hi strateġija tal-politika li tipprova tħallat il-flessibilità tas-swieq tal-impjieg għal min jimpjega u s-sigurtà tal-impjieg għall-impjegati. Għalhekk, per eżempju, il-mudell Daniż tal-flessigurtà li jissemma' spiss iħallat leġiżlazzjoni wiesgħa għall-ħarsien tal-impjieg mal-ħarsien tal-introjtu għan-nies qegħda u livelli għoljin ta' nfiq f'direttivi attivi dwar is-suq tax-xogħol.

Il-kunċett tal-flessigurtà fih serje ta' riflessjonijiet dwar sistemi soċjali differenti u l-kapaċità tagħhom li jirrispondu għall-isfidi preżenti li qed jiffaċċjaw is-soċjetà u l-ekonomija tagħna, fuq il-livell Ewropej u ta' Stat Membru. Il-globalizzazzjoni hi waħda mill-fatturi kuntestwali wara dil-kampanja biex is-swieq tax-xogħol isiru aktar flessibbli waqt li fl-istess ħin ma tiġi ipperikolata s-sigurtà tal-ħaddiema. Fatturi oħra jinkludu l-isfida demografika ta' soċjetà li qed tixjieħ b'ritmu mgħaġġel u l-femminizzazzjoni tiżdied tal-ħaddiema. Dawn il-fatturi jagħmlu pressjoni fuq sistemi soċjali u ekonomiċi biex jaddattaw. Tibdil demografiku jfisser li l-Ewropa jkollha tiffaċċja l-pressjoni ekonomika li qed tikber b'numru stabbli jew jiċkien ta' individwi li huma ta' età li jistgħu jaħdmu. Dan jimplika ħtieġa li jiżdiedu r-rati tal-impjieg u wkoll li tiġi nkoraġġita klima li fiha n-nies jistgħu jħalltu x-xogħol mal-familja.

Dwar l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq id-dibattitu dwar il-flessigurtà, jidher biċ-ċar li n-negozju globali hu karatterizzat minn swieq li jinbidlu malajr u pressjonijiet kompetittivi akbar, li jirrikjedu reazzjoni akbar min-naħa tan-negozji għal varjazzjonijiet fit-talba fiċ-ċiklu kummerċjali. Dawn il-pressjonijiet ikollhom l-ewwelnett konsegwenzi għall-kumpaniji imma anke għas-soċjetajiet fl-intier tagħhom, peress illi jaffettwaw il-kapaċità għall-ġenerazzjoni tal-ġid li min-naħa tiegħu jssaħħaħ it-tradizzjonijiet tagħna u l-livelli tal-ħarsien soċjali.

Kwistjoni fundamentali li trid tiġi ndirizzata hi liema partijiet għandhom jassumu r-responsabbiltà prinċipali biex jiżguraw kemm is-sigurtà kif ukoll il-flessibilità: min jimpjega? L-istat? Taħlita tat-tnejn flimkien mal-imsieħba soċjali? Ir-responsabbiltà għall-flessigurtà għandha tinqasam bejn l-imsieħba kollha nvoluti u fuq il-livelli kollha, jekk din se tkun strateġija li tirnexxi.

Filwaqt li l-mudell soċjali Ewropew hu karatterizzat minn diversità ta' sistemi soċjali nazzjonali, madankollu, jistgħu jiġu identifikati numru ta' valuri komuni li jiddefinixxu l-mudell: aċċess universali, solidarjetà u ugwaljanza/ġustizzja soċjali. Dawn l-elementi komuni kkontribwew għall-iżvilupp ta' stat assistenzjali modern li l-għan oriġinali tiegħu kien li jtaffi l-konsegwenzi negattivi tal-industrijalizzazzjoni.

## Mezzi għall-inkoraġġiment tal-flessigurtà

L-argument dwar il-flessibilità s'issa ġie mmexxi l-aktar minn min jimpjega, għalkemm il-ħaddiema qegħdin juru interess dejjem akbar f'ċerti forom ta' flessibilità – per eżempju, b'rabta mal-arranġamenti dwar il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-kumpaniji jixtiequ japprofittaw ruħhom minn flessibilità akbar sakemm ikunu jistgħu jwieġbu aktar malajr għall-kompetizzjoni f'dinja globalizzata. Il-flessibilità, l-aktar b'rabta max-xogħol, hi parti meħtieġa biex titkabbar din il-kapaċità, għalkemm jidher ukoll biċ-ċar li l-Ewropa ma tistax iżżomm il-kompetittività fis-sezzjoni tal-pagi baxxi u s-snajja' baxxi tas-suq globali tal-impjieg. L-għan finali ta' suq tax-xogħol aktar flessibbli għandu jkun li titjieb il-kapaċità Ewropea fin-naħa ta' fuq tal-katina tal-valur internazzjonali.

Huma l-gvernijiet u min jimpjega li essenzjalment jiddeterminaw il-medda u l-forma tal-flessigurtà li jiġu applikati fis-swieq tax-xogħol, permezz ta' direttivi nazzjonali u direttivi interni tal-kumpaniji. Hemm mezzi differenti biex wieħed isir aktar flessibbli fuq il-livell ta' kumpanija: flessibilità kwantitattiva/kwalitattiva u interna/esterna. Fil-prattika, il-kumpaniji jużaw taħlita ta' forom differenti. Saret evoluzzjoni fil-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol fl-Istati Membri kollha biex din il-kwistjoni tiġi ndirizzata. Hu fil-kuntest tad-diskussjoni tar-riskji u t-tibdiliet assoċjati fis-soċjetà li nħoloq it-terminu flessigurtà.

© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

F'pajjiżi oħra, per eżempju d-Danimarka, l-imsieħba soċjali taw l-appoġġ tagħhom lill-flessigurtà, peress li jaħsbu li din se jkollha impatt pożittiv fuq l-impjieg totali. Fl-eżempju Daniż, il-flessigurtà hi maħsuba li tlaqqa' l-ħtiġijiet tal-flessibilità u s-sigurtà b'mod aċċettabbli għall-partijiet kollha nvoluti fin-negozjar kollettiv u fil-politika tas-suq tax-xogħol peress li tinvolvihom fl-iżvilupp tagħha.

In-numru dejjem jikber ta' nisa fis-suq tax-xogħol għandu jqanqal ir-riflessjoni dwar l-użu tal-ħin, kemm il-ħin tax-xogħol kif ukoll mhux tax-xogħol. Tista', per eżempju, tenħtieġ individwalizzazzjoni akbar tad-drittijiet tal-ħaddiema; in-nisa ma għandhomx aktar jiddependu fuq id-drittijiet għas-sigurtà soċjali ta' 'raġel jaħdem'. Fuq livell aktar ġenerali, hemm bżonn jiġu evalwati liema drittijiet huma individwali u liema drittijiet jeżistu fuq livell domestiku.

Reazzjoni waħda għall-politika kienet l-artikulazzjoni ta' perspettiva tul il-ħajja, li hi bbażata fuq il-fatt li l-individwi għandhom ħtiġijiet ekonomiċi u tal-ħin differenti f'fażi differenti tal-ħajja u li s-sistemi jistgħu jiġu adattati biex tiġi riflessa d-diversità dejjem tikber ta' dawn il-ħtiġijiet (Naegele, 2003).

## Dibattitu dwar il-politika fuq livell Ewropew

Il-kunċett tal-flessigurtà ilu fuq l-aġenda tal-politika għal aktar minn għaxar snin u qabad ritmu partikolari fis-snin riċenti. Fl-1996, il-Green Paper dwar is-sħubija għal organizzazzjoni ġdida tax-xogħol kienet diġà qed tagħmel referenzi rilevanti: 'l-argument prinċipali għall-ħaddiema, min imexxi, l-imsieħba soċjali u min jagħmel il-politika hi ... li jinsab il-bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u s-sigurtà. Dan il-bilanċ fih bosta aspetti. Spiss ir-ri-organizzazzjoni tax-xogħol tikkawża l-inċertezza.'[1]

Fost l-atturi msemmija fuq, huwa ċar li l-imsieħba soċjali b'mod partikolari għandhom rwol kruċjali fl-introduzzjoni ta' forom ġodda tal-organizzazzjoni tax-xogħol, eż. permezz ta' proċessi ta' negozjar kollettiv. Huwa minnu wkoll li bosta mill-isfidi li jiffaċċjaw is-soċjetajiet tagħna jenħtieġu riflessjoni koordinata kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fl-isferi tal-protezzjoni soċjali.

Il-'Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni' (OMC) hu l-forma isitutzzjonali ta' din il-kooperazzjoni fuq livell Ewropew u ż-żewġ fora prinċipali tagħha huma l-Kumitat tal-Impjieg u l-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali, imwaqqfin mill-Kummissjoni li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri kollha. L-attivitajiet tal-OMC jikkonsistu fil-ftehim dwar il-linji gwida, it-twaqqif ta' oġġettivi, il- benchmarking, ir-rapporti annwali, kif ukoll it-tagħlim reċiproku. Mill-2005, l-attivitajiet tal-OMC ingħaqdu fi proċess aktar effiċjenti, li jipparteċipa fid-diskuzzjoni tal-linji gwida tal-politika ekonomika wiesgħa fil-Kunsill tar-Rebbiegħa annwali. Kif 'wieħed jippromwovi l-flessibilità flimkien mas-sigurtà tal-impjieg u jnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol' hi waħda mill-kwistjonijiet diskussi b'mod estensiv fiż-żewġ kumitati.

Fl-2006, il-Kummissjoni ħarġet Green Paper dwar il-liġi tax-xogħol li fiha stiednet riflessjonijiet dwar kif tista' tiġi modernizzata l-liġi tax-xogħol.[2] Id-dokument jindirizza speċifikament kwistjonijiet relatati ma' tipi ta' kuntratti differenti u l-isfida tal-flessigurtà. Grupp espert taħt il-presidenza ta' Ton Wilthagen ħareġ rapport dwar il-mogħdijiet tal-flessigurtà imsejjaħ *Turning hurdles into stepping stones*.[3]

[1] **http://ec.europa.eu/employment_social/labour_law/publications_en.htm**

[2] **http://ec.europa.eu/employment_social/labour_law/green_paper_en.htm**

[3] **http://ec.europa.eu/employment_social/employment_strategy/pdf/flexi_pathways_en.pdf**

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

Il-pass li kien imiss kien jikkonsisti f'komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Towards common principles of flexicurity*, li ddeskriviet fil-qosor mogħdijiet għal impjiegi aktar u aħjar, li jgħaqqdu l-flessibilità mas-sigurtà u jindikaw xi prinċipji komuni li għandhom jiġu adottati mill-kapijiet tal-istat u mill-gvern.[4]

## Konklużjonijiet prinċipali

- Il-flessigurtà għandha l-potenzjal li ttejjeb sostanzjalment il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u toħloq livelli ogħla ta' impjieg.
- Il-kumpaniji, il-ħaddiema u s-soċjetà għandhom ikunu jistgħu jaqblu u jafdaw fil-flessigurtà.
- Is-sigurtà għandha tkun ibbażata fuq is-sigurtà tal-impjieg, mhux is-sigurtà tax-xogħol, u jkun fiha taħlita ta' drittijiet u għodod.

### Għad-drittijiet:

- Id-drittijiet għandhom jiġu kkunsidrati f'kuntest usa' tul il-ħajja u forsi tkun tenħtieġ xi riformi fis-suq tax-xogħol nazzjonali, is-sistemi tal-impjieg u l-protezzjoni soċjali.
- Id-drittijiet jistgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid biex tiġi garantita xi koordinazzjoni tul il-ħajja għall-ħaddiema flessibbli u jistgħu jiġu bbażati fuq ċerti prinċipji, bħat-trattament ugwali, il-leġiżlazzjoni għal swieq tax-xogħol tranżizzjonali (nazzjonali), l-aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni u t-trasferibbiltà ta' drittijiet.
- Huwa importanti li wieħed jirrifletti fuq id-drittijiet kollha għall-protezzjoni soċjali, inklużi mhux biss is-sistemi tas-sigurtà soċjali pprovduti mill-istat imma wkoll skemi okkupazzjonali għal pensjonijiet u għall-kura tas-saħħa supplementari.

### Għall-għodod:

- Il-ħaddiema l-aktar vulnerabbli jenħtieġu attenzjoni speċifika sabiex ma jaqgħux fil-faqar għalkemm ikollhom impjieg.
- Li l-ħaddiema jiġu armati biex ilaħħqu mat-tibdil hu element importanti biex tirnexxi l-flessigurtà: dan għandu jinkludi dibattitu aktar konsistenti dwar kif jista' jiġi mplimentat il-bini ta' snajja' tul il-karriera.
- Il-bini ta' snajja' jinvolvi taħlita ta' atturi u strateġiji differenti: il-ħaddiema jitgħallmu affarijiet ġodda waqt ix-xogħol permezz ta' forom innovattivi ta' organizzazzjoni tax-xogħol (l-hekk imsejħa 'organizzazzjonijiet tat-tagħlim', tagħlim ta' bosta snajja', rotazzjoni tax-xogħol), permezz ta' taħriġ offrut minn min jimpjegahom, inizjattivi ta' fondi settorali, fondi tal-iżvilupp reġjonali, direttivi għas-suq tax-xogħol attiv.

[4] http://ec.europa.eu/employment_social/employment_strategy/pdf/flex_comm_en.pdf

# Esplorazzjoni tal-punti għad-diskussjoni

## Formuli nazzjonali differenti

Ma hemm l-ebda strateġija tal-flessigurtà li tgħodd għal kulħadd. Minflok, bħalissa qed jiġu kkunsidrati formuli nazzjonali differenti. Strateġija ewlenija hi l-flessibilizzazzjoni tal-impjegati kollha. Dawn jinkludi it-80% tal-ħaddiema f'xogħol tradizzjonali, permanenti jew b''kuntratti tipiċi'. Hemm żewġ modi prinċipali għall-implimentazzjoni ta' din il-flessibilizzazzjoni: permezz ta' metodi ġodda għall-organizzazzjoni tax-xogħol jew permezz ta' arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol aktar diversi jew flessibbli. Fl-istess ħin, dawn għandhom jiġu kumplementati b'xi forma ta' sigurtà tal-impjieg.

Is-sistema Daniża hi eżempju magħruf sew ta' strateġija simili. Tgħaqqad leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjieg komparattivament rilassata ma' livell għoli ta' benefiċċji għall-qagħad imħallsa mill-gvern u direttivi attivi ħafna għas-suq tax-xogħol (ALMP). 'Ipproteġu l-ħaddiema, mhux l-impjiegi' hu l-messaġġ simplifikat tal-filosofija wara dan il-mudell. Ir-riformi fl-Awstrija jiffukaw ukoll fuq dak l-element, bil-ħolqien ta' fond għall-ħlas ta' ħaddiema li jagħlqilhom il-kuntratt tax-xogħol, li hu trasferibbli u mhux konness ma' bniedem wieħed biss li jimpjega.

It-tieni strateġija hi n-normalizzazzjoni tad-drittijiet ta' ħaddiema 'atipiċi' (eż. kuntratti definiti, kuntratti temporanji, kuntratti part-time) filwaqt li tinżamm il-flessibilità ta' dawn it-tipi ta' kuntratt.

Is-sistema Olandiża tipprova tinkorpora din l-idea billi tipprovdi aktar drittijiet tal-protezzjoni soċjali għal ħaddiema mhux standard (ħaddiema part-time b'mod partikolari imma anke dawk b'kuntratti mhux permanenti) u billi ttejjeb dak li huma ntitolati għalih (sigurtà soċjali, pensjoni, eċċ) biex jilħqu livelli li jistgħu jiġu paragunati ma' dawk tal-kontropartijiet permanenti tagħhom fis-suq tax-xogħol. Pajjiżi oħra għandhom mudelli simili u qed jikkunsidraw kif iżidu d-drittijiet tal-'ħaddiema atipiċi' tagħhom.[5]

Strateġiji nazzjonali differenti jridu jikkunsidraw punti tat-tluq differenti ħafna. B'mod partikolari, il-proporzjon ta' ħaddiema 'atipiċi' jew mhux standard ivarja b'mod sinjifikanti bejn l-Istati Membri. Xi pajjiżi għandhom numri kbar ħafna ta' 'ħaddiema atipiċi'. Kemm ir-RU kif ukoll l-Olanda għandhom rati għoljin ta' xogħol part-time, speċjalment fost nisa jaħdmu. Kuntratti b'terminu definit jeżistu ħafna fi Spanja, u jirrappreżentaw aktar minn 30% tal-impjegati totali. Ta' min jinnota, madankollu, li riformi riċenti prinċipali fis-suq tax-xogħol fi Spanja ppruvaw jikkoreġu uħud mill-iżvantaġġi assoċjati ma' episodji preċedenti ta' flessibilizzazzjoni tas-suq tax-xogħol (eż. segmentazzjoni eċċessiva tax-xogħol, livelli jonqsu ta' produttività per kapita). Dan ħa l-forma ta' dispożizzjonijiet ġodda biex jissalvagwardjaw u jippromwovu d-drittijiet ta' ħaddiema atipiċi u biex joħolqu inċentivi għal min iħaddem biex jibdel kuntratti atipiċi f'dawk tipiċi.[6]

L-għażla ta' forma partikolari ta' flessigurtà hi konnessa primarjament mal-iżvilupp storiku ta' swieq tax-xogħol, ftehimiet kollettivi u r-rwol tal-gvern f'dawn, kif ukoll ma' kunsiderazzjonijiet bażiċi ta' politika pubblika fl-oqsma tal-impjieg u tal-protezzjoni soċjali. L-iżvilupp tal-politika jiddependi ħafna fuq tradizzjonijiet nazzjonali kif ukoll fuq il-kapaċità tal-pajjiżi li jiġġeneraw ir-riżorsi biex iħallsu għas-soluzzjonijiet magħżula.

[5] Hemm xi dibattitu dwar it-termini 'atipiku' jew 'mhux standard', l-aktar fid-dawl tas-sehem relattivament għoli tagħhom f'xi pajjiżi. 'Atipiku' f'dan ir-rapport jirreferi għall-ħaddiema kollha li ma jaħdmux f'impjieg permanenti full-time. Dawn jinkludu ħaddiema part-time, ħaddiema b'kuntratt definit, ħaddiema tal-istaġun, ħaddiema ta' aġenziji temporanji, eċċ.

[6] **http://eurofound.europa.eu/eiro/2006/05/articles/es0605019i.html**

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

Tabella 1: *Sottodiviżjonijiet tal-flessibilità*

| | **Flessibilità kwantitattiva** | **Flessibilità kwalitattiva** |
|---|---|---|
| **Flessibilità esterna** | *Stat tal-impjieg* (tipi tal-kuntratt – dewmien stabbilit, temporanju, xogħol fuq talba, eċċ)<br>*Flessibilità numerika/kuntrattwali* | *Sistemi tal-produzzjoni* (sottokuntrattament, użu ta' xogħol bla rbit)<br>*Flessibilità produttiva/ġeografika* |
| **Flessibilità interna** | *Ħinijiet tax-xogħol* (sahra, part-time, xogħol waqt il-weekend, siegħat irregolari/varjabbli)<br>*Flessibilità temporali/finanzjarja* | *Organizzazzjoni tax-xogħol* (rotazzjoni tax-xogħol, it-twettiq ta' xogħol divers, l-għoti ta' responsabbiltà lill-ħaddiema għall-ippjanar u t-tħejjija tal-estimi, eċċ.)<br>*Flessibilità funzjonali/organizzattiva* |

Sors: *Goudswaard u de Nanteuil, 2000, p. 20.*

Huwa importanti li wieħed jiftakar li sistema stabbilita f'pajjiż wieħed ma tistax tiġi trasferita faċilment f'kwalunkwe Stat Membru ieħor, peress li d-direttivi qegħdin f'kuntest speċifiku nazzjonali. Riformi potenzjali jridu jikkunsidraw il-livelli differenti tal-applikazzjoni (ħaddiem, dar, intrapriża, settur, pajjiż) u l-interazzjonijiet tagħhom.

Minkejja dan, hija utli 'riflessjoni miftuħa' dwar politika integrata. Din tista' twassal għal strateġija ġdida, li tinkludi s-sett sħiħ ta' direttivi soċjali, inklużi direttivi għas-suq tax-xogħol u sistemi għall-protezzjoni soċjali f'sens aktar wiesa'.

## Strateġiji għall-flessibilità tal-kumpaniji

Daż-żmien, ħafna kumpaniji ta' daqs medju jużaw taħlita ta' strateġiji differenti għall-flessibilità. Is-sottodiviżjoni tal-flessibilità f'erba' direzzjonijiet fit-Tabella 1 tista' sservi bħala mappjar utli tal-prattika tal-kumpanija.

Tabella 2: Perċentwal ta' kuntratti definiti fl-impjieg totali

| | **UE** | | | **BE** | **CZ** | **DK** | **DE** | **EE** | **EL** | **ES** | **FR** | **IE** | **IT** | **CY** | **LV** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | total | irġiel | nisa | | | | | | | | | | | | |
| **1995** | 11.7 | 11.1 | 12.4 | 5.4 | 6.7 | 11.6 | 10.5 | 2.1 | 9.4 | 35.2 | 12.4 | 10.0 | 7.4 | na | na |
| **2000** | 12.6 | 12.0 | 13.4 | 9.1 | 8.1 | 9.7 | 12.7 | 3.0 | 13.5 | 32.2 | 15.2 | 5.9 | 10.1 | 10.7 | 6.7 |
| **2005** | 14.5 | 14.0 | 15.0 | 8.9 | 8.6 | 9.8 | 14.2 | 2.7 | 11.8 | 33.3 | 13.3 | 3.7 | 12.3 | 14.0 | 8.4 |

| | **LT** | **LU** | **HU** | **MT** | **NL** | **AT** | **PL** | **PT** | **SI** | **SK** | **FI** | **SV** | **UK** | **BG** | **RO** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1995** | na | 4.1 | 6.6 | na | 11.4 | 6.8 | 4.8 | 11.6 | na | na | 18.1 | 14.7 | 7.2 | na | na |
| **2000** | 4.4 | 5.3 | 7.1 | 4.1 | 13.7 | 8.0 | 5.8 | 19.9 | 13.7 | 4.8 | 16.3 | 15.8 | 6.9 | 6.3 | 2.8 |
| **2005** | 5.5 | 5.3 | 7.0 | 4.5 | 15.5 | 9.1 | 25.7 | 19.5 | 17.4 | 5.0 | 16.5 | 16.0 | 5.7 | 6.4 | 2.4 |

Nota: *It-totali tal-UE huma għall-EU25. Xi figuri nazzjonali msemmija fil-linja 1995 jirreferu għall-1996/97, peress li dejta aktar kmieni mhix disponibbli.*
Sorz: *LFS ikkwotat f'Employment in Europe 2006.*

Spiss iseħħ il-każ li tipi differenti ta' flessibilità jistgħu jirkbu fuq xulxin, u b'hekk jaffettwaw it-tip ta' sigurtà li jista' jiġi offrut (Atkinson, 1984). Eżempju: impjegat part-time jista' jkollu wkoll rendikont annwali tal-ħin li jaħdem jew jiġi mitlub jaħdem f'uffiċini differenti ġeografikament tal-istess kumpanija u jista' jkollu varjazzjonijiet fl-introjtu (paga varjabbli). Din it-taħlita ta' flessibilità tista' tapplika biss għal grupp sekondarju ta' impjegati, spiss il-ħaddiema l-aktar prekarji (ħaddiema żgħażagħ, nisa jew immigranti), li jirriżulta fis-segmentazzjoni tal-impjegati ta' kumpanija. Min-naħa

l-oħra, il-flessibilità tista' wkoll tiġi ntrodottta b'mod aktar ġenerali għall-ħaddiema kollha, per eżempju permezz ta' flessibilità interna permezz ta' forom ġodda tal-organizzazzjoni tax-xogħol.

Huwa importanti li jiġi sottolinjat li l-flessibilità, filwaqt li tiġi nkoraġġita l-aktar minn min iħaddem, tista' wkoll isseħħ bħala riżultat ta' talbiet tal-impjegati. Dan jista' jkun għal varjetà ta' raġunijiet, bħax-xewqa li jgħaqqdu aħjar il-familja u x-xogħol jew li jieħdu waqfa jew għall-kura jew għall-istudju. Bżonnijiet differenti f'fażijiet differenti tal-ħajja jistgħu jirriżultaw f'varjetà ta' trajettorji fil-karriera b'varjazzjonijiet fil-volum ta' siegħat xogħol jew b'intervalli fil-karriera (Anxo et al, 2006b, Muffels et al, fil-futur qarib).

Is-servej ta' l-Establishment dwar il-ħin tax-xogħol f'kumpaniji Ewropej analizzat profili tal-flessibilità f'21,000 kumpanija u tikkonkludi li mhuwiex kunċett lineari b'dimensjoni waħda li testendi minn flessibilità baxxa sa waħda għolja. Fil-verità, is-sitwazzjoni hi ħafna aktar kumplikata. Id-distinzjoni bejn strateġiji ta' flessibilità immirati għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema, u strateġiji mmirati għat-talbiet operattivi tal-istabbilimenti tidher kruċjali f'dan il-kuntest. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka jindikaw ukoll li flessibilità tiżdied mhix neċessarjament kwistjoni kunflittwali: il-profili ta' flessibilità għolja, għalkemm imsejħa 'orjentati lejn il-ħaddiema' u 'orjentati lejn il-kumpaniji', jaqsmu medda ta' direttivi flessibbli li jservu l-ħtiġijiet kemm tal-impjegati kif ukoll tal-kumpaniji (Chung et al, 2007).[7]

## Flessibilità numerika jew kuntrattwali

Flessibilità numerika jew kuntrattwali tikkonsisti mir-rikors għal kuntratti mhux permanenti mill-kumpaniji bħala mezz biex ikollhom impjegati aktar flessibbli. L-aktar tipi komuni ta' kuntratti mhux permanenti huma kuntratti b'terminu definit (inkluż xogħol tal-istaġun), xogħol temporanju (inkluż xogħol temporanju ta' aġenzija) u xogħol skont il-ħtieġa.

It-tabella 2 fuq il-paġna 8 turi kemm hi diversa l-inċidenza ta' kuntratti b'terminu definit fost l-Istati Membri. Turi wkoll li fil-maġġoranza tal-pajjiżi dan jifforma proporzjon li qed jikber tal-impjieg totali. Hemm eċċezzjonijiet interessanti, l-aktar l-Irlanda, ir-Renju Unit u d-Danimarka, fejn is-swieq tax-xogħol għandhom grad ogħla ta' flessibilità, li jista' jnaqqas il-ħtieġa għal kuntratti definiti. [8]

Riċerka mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol turi li ħaddiema b'kuntratti definiti huma esposti għal kundizzjonijiet tax-xogħol agħar minn dawk b'kuntratti permanenti, b'mod partikolari livelli aktar baxxi ta' aċċess għal taħriġ u awtonomija fl-impjieg (Goudswaard u de Nanteuil, 2000).

[7] http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2007/39/en/1/ef0713en.pdf

[8] Il-livell baxx ta' kuntratti mhux permanenti f'dawn il-pajjiżi jista' jiġi mfisser bħala riżultat ta' livell aktar baxx ta' leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-impjieg (EPL) li jippermetti għall-impjieg u s-sensjar aktar faċli ta' personal permanenti. L-OECD, l-ILO u l-Kummissjoni Ewropea studjaw b'mod estensiv l-impatt ta' leġiżlazzjoni simili, u kkonkludew li EPL aktar baxx fih innifsu ma jiggarantix li jwassal għal aktar flessigurtà.

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

## Flessibilità temporali jew finanzjarja

B'flessibilità temporali jew finanzjarja, il-kumpaniji jistgħu jiksbu livelli akbar ta' flessibilità permezz ta' ħin tax-xogħol jew arranġamenti dwar il-paga aktar flessibbli. Dawn jistgħu jinkludu per eżempju sahra, xogħol part-time, xogħol waqt il-weekend, siegħat irregolari jew varjabbli.

It-tipi differenti ta' arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol jistgħu jinġabru skont jekk humiex immexxija aktar minn min jimpjega jew mill-impjegati. Ċerti skemi jaqgħu fiż-żewġ kategoriji u l-effett ta' ċikli kummerċjali jista' jaqleb din il-kategorizzazzjoni. Dak li jista' jiffavorixxi parti waħda waqt żmien favorevoli taċ-ċiklu kummerċjali jista' jkun anqas vantaġġjuż waqt żmien sfavorevoli. F'mod simili, dak li jidher li hu dritt jista' jirriżulta li hu riskju.

Xogħol part-time, orarji tal-ħin tax-xogħol flessibbli, irtirar maqsum f'fażi u rtirar kmieni jistgħu jaqblu kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-impjegati. Ħinijiet tax-xogħol mhux tas-soltu (xiftijiet ta' billejl, xiftijiet ta' nhar ta' Ħadd jew ta' nhar ta' Sibt jew xogħol f'xiftijiet b'mod ġenerali), sahra u impjieg temporanju (inklużi kuntratti definiti, xogħol temporanju ta' aġenzija u xogħol bla rbit) huma ġeneralment aktar fuq talba ta' min jimpjega, filwaqt li il-lif tal-ġenituri u skemi oħra tal-lif (kura, edukazzjoni, sabbatikali) u rendikonti tal-ħin tax-xogħol huma ġeneralment aktar fuq talba tal-impjegat. Rendikonti tal-ħin tax-xogħol annwali jistgħu jkunu fuq talba jew ta' min jimpjega jew tal-impjegat imma huma spiss assoċjati ma' varjazzjonijiet fl-ammont tax-xogħol u varjazzjonijiet fiċ-ċiklu kummerċjali (Chung et al, 2007).

Bħal f'xogħol b'terminu determinat, l-inċidenza ta' xogħol part-time tvarja konsiderevolment minn pajjiż għal ieħor. Ir-riċerka wriet li l-kwalità tax-xogħol ta' ħaddiema part-time spiss hi aktar baxxa minn dik ta' ħaddiema full-time paragunabbli, l-aktar f'termini ta' aċċess għal taħriġ, żvilupp tal-karriera u possibiltajiet ta' promozzjoni (Anxo et al, 2007). Din il-kwistjoni, madankollu, qed tiġi kkunsidrata bir-reqqa fid-dibattitu Ewropew bejn l-imsieħba soċjali u fil-leġiżlazzjoni Ewropea. L-aħħar punt li għad irid jiġi kkunsidrat hu kif tiġi mħaffa t-transizzjoni mix-xogħol full-time għal dak part-time u viċeversa.

## Flessibilità

Il-flessibilità funzjonali tikkonsisti minn tipi ta' organizzazzjoni tax-xogħol bħar-rotazzjoni tax-xogħol, l-għemil ta' bosta biċċiet xogħol, u l-involviment tal-ħaddiema fl-ippjanar jew l-estimi (awtonomija tal-grupp). Il-Figura 1 turi l-inċidenza tar-rotazzjoni tax-xogħol u x-xogħol tal-grupp fost l-UE27.

Dawn i-tipi ta' organizzazzjoni tax-xogħol huma primarjament maħsuba biex jagħmlu x-xogħol fi ħdan il-kumpanija aktar flessibbli, u jippermettu lill-impjegati jbiddlu posthom kif meħtieġ (rotazzjoni tal-impjiegi). Madankollu, dan jista' jwassal ukoll għall-iżvilupp ta' aktar snajja' peress li l-ħaddiema jistgħu jaġġornaw il-snajja' tagħhom b'mod li hu ta' benefiċċju għalihom individwalment kif ukoll għall-kumpanija. Dan ikattar is-sigurtà kemm tax-xogħol tagħhom kif ukoll tal-impjieg. Il-ħaddiema jingħataw is-setgħa li jagħmlu aktar xogħol fi ħdan l-impjieg u l-kumpanija (u b'hekk ikattru s-sigurtà tal-impjieg tagħhom), imma jżidu wkoll l-impjegabbiltà tagħhom f'termini ta' sejba sussegwenti ta' impjieg ieħor (fi ħdan il-kumpanija jew band'oħra).

Figura 1: *Rotazzjoni tax-xogħol u xogħol ta' grupp fl-EU27, impjegati biss (2005)*




Sors: *Fourth European Working Conditions Survey, 2007.*

Analiżi sekondarja tad-dejta tal-European Working Conditions Survey turi li l-flessibilità funzjonali għandha impatt importanti fuq it-tagħlim, is-soluzzjoni tal-problemi u l-innovazzjoni fuq livell tal-organizzazzjoni. Erba' tipi differenti ta' organizzazzjoni tax-xogħol ġew identifikati:'jitgħallmu', 'magħluba', 'Tayloristi' u 'tradizzjonali'. Mill-erba' tipi identifikati, tnejn għandhom tendenza li jkattru l-flessibilità interna tal-ħaddiema fi ħdan il-kumpanija: 'organizzazzjonijiet jitgħallmu' u 'organizzazzjonijiet magħluba jew b'ħidma għolja'. F'kumpaniji b'tipi simili tal-organizzazzjoni tax-xogħol, l-impjegati jiġu nvoluti fis-soluzzjoni tal-problemi u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għandhom aktar possibiltajiet għall-iżvilupp tagħhom infushom fl-impjieg. Hemm ukoll konnessjoni mill-qrib bejn il-mod li n-nies jaħdmu u jitgħallmu f'kumpanija u l-mod li l-kumpanija tista' tinnova, għalkemm f'termini ta' innovazzjoni, organizzazzjonijiet jitgħallmu għandhom tendenza li jkollhom vantaġġ fuq organizzazzjonijiet magħluba. Titkattar is-sigurtà tal-impjieg: sabiex il-ħaddiema jiġu mħejjija u mgħammra biex ilaħħqu mat-tibdiliet meħtieġa u t-transizzjonijiet possibbli tul il-karrieri tax-xogħol tagħhom, huwa importanti li jiġi enfażizzat l-aġġornament tas-snajja', permezz tal-organizzazzjoni tax-xogħol.

Mod ieħor biex jiġu aġġornati s-snajja' hu permezz tat-taħriġ. Ir-raba' European Working Conditions Survey turi li mhemm ebda titjib fil-livelli tat-taħriġ fil-kumpaniji Ewropej: anqas minn ħaddiem wieħed minn tlieta fir-rapporti tal-UE jkun irċieva taħriġ imħallas fit-tnax-il xahar preċedenti. Hu minnu wkoll li hemm differenzi sinjifikanti fil-livell tal-aċċess għat-taħriġ bejn il-pajjiżi, kif ukoll bejn ħaddiema bi ftit/b'ħafna snajja' u bejn ħaddiema b'tipi differenti ta' kuntratti tal-impjieg. L-edukazzjoni inizjali jidher li għandha rilevanza qawwija għall-possibiltajiet ta' aktar taħriġ fis-suq tax-xogħol (ara l-Figura 2), li jqajjem ir-riskju ta' aktar polarizzazzjoni bejn dawk bl-aċċess għat-taħriġ u dawk mingħajr aċċess.

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

Figura 2: *Taħriġ imħallas riċevut fl-aħħar tnax-il xahar, skont il-kisbiet edukattivi (%)*




Sors: *Fourth European Working Conditions Survey, 2007.*

Pass ieħor 'il quddiem jista' jkun li jiġi żviluppat 'żvilupp tal-kompetenza' fi 'dritt għat-tagħlim' aktar ġenerali, adattat għall-kapaċità ta' kull individwu. L-idea hi li n-nies jiġu armati biex ilaħħqu mat-tibdil tul ħajjithom, kemm fix-xogħol u barra mix-xogħol.

# Rwol tal-istituzzjonijiet soċjali

Is-sigurtà tista' tieħu forom differenti ħafna: is-sigurtà fix-xogħol, is-sigurtà fl-impjieg, is-sigurtà fl-introjtu u s-sigurtà ta' għaqda. Dawn il-forom tas-sigurtà għall-forom differenti ta' flessibilità jistgħu jiġu salvagwardjati permezz ta' numru ta' miżuri li jistgħu jittieħdu jew jiġu istituzzjonalizzati minn atturi differenti.

Il-kumpaniji għandhom rwol importanti ħafna fl-iżvilupp tal-impjegabbiltà tal-impjegati tagħhom. Riċerka riċenti mill-Fondazzjoni tikkonferma l-każ kummerċjali biex il-kumpaniji jintrabtu b'din il-kwistjoni.[9] Meta jiddeterminaw l-arranġamenti tax-xogħol, kemm fil-forma kif ukoll fil-kontenut, il-kumpaniji jistgħu joħolqu xi possibiltajiet għas-sigurtà, l-aktar permezz ta' flessibilità funzjonali akbar permezz tal-arrikkiment tal-impjieg, it-taħriġ, l-organizzazzjoni tax-xogħol u possibilment id-differenzi fil-paga. Jistgħu wkoll jiddeterminaw l-għażla tat-tip tal-kuntratt tal-impjieg u l-arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol. Madankollu, dak li jistgħu joffru l-kumpaniji jiddependi wkoll fuq il-livell nazzjonali u settorali. Kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-istituzzjonijiet soċjali huma elementi importanti li jwettqu influwenza fuq kemm hemm sigurtà għall-ħaddiema.

L-istituzzjonijiet soċjali qegħdin fis-sod fit-tradizzjonijiet nazzjonali. Qed issir ħafna diskussjoni dwar ir-riforma ta' dawn l-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-istrateġiji għall-impjieg u għall-protezzjoni soċjali Ewropej. Jidher biċ-ċar li mhux l-istituzzjonijiet nazzjonali kollha jistgħu jew għandhom iħabirku għall-armonizzazzjoni. Madankollu, ġaladarba ħafna pajjiżi jiffaċċjaw sfidi simili, il-Metodu Wiesgħa ta' Koordinazzjoni jippermetti l-koordinazzjoni tat-direttivi, bl-istabbiliment ta' għanijiet komuni, il-kejl tal-progress (b'indikaturi li dwarhom hemm qbil ġenerali) u t-tagħlim mill-prattika tajba. Mogħdijiet komuni jistgħu jiggwidaw il-proċess dwar il-flessigurtà fil-pajjiżi Ewropej differenti, filwaqt li xorta jirrispettaw il-kompetenza tal-Istat Membru f'dan il-qasam.

## Istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol

L-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol għandhom rwol importanti. L-għan tal-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-impjieg (EPL) hu li jipproteġi l-ħaddiema. Jagħmilha ta' barriera għall-kultura faċli 'impjega u ssensja' li hu metodu wieħed għall-introduzzjoni tal-flessibilità għall-ħaddiema kollha. Fergħa waħda tal-EPL hu l-iżvilupp possibbli ta' suq tax-xogħol doppju, li fih qalba ta' ħaddiema permanenti għandhom protezzjoni qawwija ħafna kontra t-tkeċċija: dan jippredisponi lil min iħaddem biex jagħmel użu akbar minn kuntratti mhux permanenti biex tiġi ffaċilitata l-istrateġija tagħhom ta' flessibilità numerika. L-effett ta' sistema simili ta' suq tax-xogħol hu li tiġi kkonċentrata l-flessibilità f'sezzjoni waħda tal-impjegati (flessibilità fil-marġini) u biex jiġu rinfurzati d-differenzi bejn stat ta' impjieg permanenti u mhux permanenti, ġeneralment bis-saħħa tal-grupp tal-aħħar (l-'effett tal-bniedem ta' ġewwa/barrani').

Sabiex jinkiseb il-livell meħtieġ tas-sigurtà, it-direttivi ta' suq tax-xogħol attiv (ALMP) jista' jkollhom rwol importanti. Dawn jgħinu biex jiżguraw li n-nies li jitilfu l-impjieg tagħhom jew li jagħżlu li jsegwu ir-'rotta flessibbli' jiġu megħjuna jsibu impjieg ieħor fejn meħtieġ. Tnejn mill-funzjonijiet prinċipali ta' politika tas-suq tax-xogħol attiv huma li jiġi provdut taħriġ żejjed waqt 'perijodi in-between' u li jgħinu fit-tqabbil tal-provvista u l-ħtieġa tal-impjegati. Madankollu, dawn ir-rwoli huma evidentement imħaffa bil-preżenza ta' ċerti kundizzjonijiet. L-ewwelnett, is-suq tax-xogħol u l-ħidma ekonomika ta' pajjiż għandhom ikunu tali li jkollhom volum raġjonevoli ta' xogħol u impjiegi biex l-aġenziji tal-impjieg iwetttqu l-funzjoni tagħhom tat-tqabbil. Fl-istess ħin għandu jkun hemm investiment sostanzjali fis-servizzi tal-impjieg pubbliku u aġenziji anċillari. Il-ħolqien ta' qafas istituzzjonali simili jenħtieġ infiq sinjifikanti ta' kemm ħin kif ukoll flus.

[9] Ara eżempji ta' prattika tajba fuq **http://www.eurofound.europa.eu/ewco/employment/quality/attractiveworkplace.htm**

 **© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009**

Element ċentrali ta’ politika tas-suq tax-xogħol attiva, li l-importanza tagħha ma titnaqqasx permezz ta’ varjazzjonijiet fis-sitwazzjoni nazzjonali ekonomika, hi enfażi fuq l-aġġornament kontinwu ta’ snajja’ u ħiliet. Tagħlim tul il-ħajja hu verament pedament tal-Istrateġija tal-Impjieg Ewropea. Filwaqt li jistgħu jenħtieġu sforzi speċjali biex it-tranżizzjonijiet bejn il-qagħad u l-impjieg u/jew bejn kuntratti tal-impjieg differenti isiru aktar faċli,[10] aġġornament kontinwu ta’ snajja’ jista’ jagħmel lill-ħaddiem ‘aktar flessibbli’ fir-rigward tas-snajja’ tiegħu jew tagħha stess. Il-flessibilità funzjonali, kif diskussa fuq, hi mod wieħed għall-aġġornament tas-snajja’ waqt li wieħed hu mpjegat, filwaqt li l-ALMP tista’ tgħin biex tipprovdi t-taħriġ u l-edukazzjoni aktar avvanzati f’perijodi ta’ qagħad jew lif.

## Sistemi tal-protezzjoni soċjali

L-impatt ta’ aktar flessibilità fis-suq tax-xogħol (kemm għall-ħaddiema kollha kif ukoll għal grupp ta’ ħaddiema aktar prekarji) għandu jiġi eżaminat bir-reqqa. Jista’ wkoll jiġi kunsidrat bħala forma ġdida ta’ riskju soċjali. Il-benefiċċji tal-flessibilità fil-ħolqien ta’ aktar xogħol u impjieg jistgħu jiġu kumplementati b’sistemi tal-protezzjoni ċivili għall-ġestjoni tar-riskji ta’ ħaddiema individwali, kunċett li hu viċin tal-idea bażika tal-flessigurtà. Sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom rwol ċentrali biex jiġu megħluba r-riskji, u għalhekk għandhom rwol daqshekk importanti fil-mudell soċjali fl-Unjoni Ewropea. Allura għandhom rwol kumplementari ċar fl-immaniġġjar tar-riskju tal-qagħad f’suq tax-xogħol aktar flessibbli.

Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom żewġ għanijiet prinċipali – id-dekommodifikazzjoni fuq naħa waħda u l-impjegabbiltà fuq l-oħra (ara t-Tabella 3). Id-dekommodifikazzjoni tiddeskrivi l-grad li għalih l-individwi u l-familji jistgħu jżommu standard tal-għajxien soċjalment aċċettabbli mingħajr parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol (Esping-Andersen, 1990). Wieħed jista’ jżid ukoll bħala t-tielet għan il-ksib tal-ġustizzja soċjali jew ir-redistribuzzjoni. Madankollu, għas-sempliċità, l-enfażi hawn qegħda fuq l-ewwel tnejn bil-konsegwenzi fil-futur qrib jew fil-futur imbiegħed.

Tabella 3: *Miri għall-futur qrib u l-futur imbiegħed ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali*

| | **Fil-futur qrib** | **Fil-futur imbiegħed** |
|---|---|---|
| **Dekommodifikazzjoni** | Introjtu temporanju għall-protezzjoni tan-nies minn sitwazzjonijiet prekarji (eż. benefiċċji għal min hu qiegħed) | Kontinwazzjoni ta’ introjtu fil-każ ta’ avvenimenti strutturali jew fil-futur imbiegħed (eż. benefiċċji għal min hu nkapaċitat, pensjonijiet mhux imqabbla ma’ attività preċedenti fis-suq tax-xogħol) |
| **L-impjegabbiltà** | Impjieg mill-ġdid, kuntratti ‘ta’ stat sekondarju’ bħal kuntratti definiti, skemi tal-integrazzjoni f’kumpaniji | Żvilupp ta’ proġetti personali li mhux neċessarjament jagħtu profitt immedjatamant fil-futur qrib fis-suq tax-xogħol, żvilupp ta’ snajja’ |

Sors: *Vielle u Walthery, 2004, p.85*

L-istati assistenzjali (jew sistemi tal-protezzjoni soċjali) dejjem kellhom rwol importanti bħala strumenti tad-dekommodifikazzjoni (Vielle u Walthery, 2003). Fil-prattika, il-mudell soċjali Ewropew hu bbażat fuq l-idea li l-istati jagħtu kumpens għat-telf jew it-tnaqqis tal-introjtu maqlugħ fil-każ ta’ numru ta’ avvenvimenti ta’ riskju li jiġru (qagħad, mard, età, maternità, invalidità, mewt) jew l-okkorrenza ta’ piżijiet eċċezzjonali, eż. spejjeż mediċi jew tal-familja. Il-biċċa l-kbira tal-istati għandhom ukoll mekkkaniżmi biex jassistu lil dawk li mhumiex kapaċi (temporanjament jew b’mod permanenti) li jaqilgħu l-għajxien tagħhom stess.

[10] Dan għandu jkopri medda wiesgħa ta’ sitwazzjonijiet possibbli u jinkludi wkoll moviment bejn impjieg ta’ min jaħdem għal rasu u impjieg, bejn part-time u full-time, bejn kuntratti temporanji u permanenti u sejrin fiż-żewġ direzzjonijiet. Dan jista’ jkun importanti fid-dawl tal-perspettiva tal-ħajja: ara Muffels et al, fil-futur qrib.

It-tieni aspett prinċipali ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali hu relatat mal-impjegabbiltà, li fih l-impjieg ġie kkunsidrat bħala l-mezz prinċipali biex jiġi żgurat introjtu u wkoll bħala pedament ta' benesseri individwali. Dan l-aspett għandu wkoll rwol importanti fl-istrateġija ekonomika tal-Unjoni Ewropea, li fiha l-impjieg għoli ġie kkunsidrat bħala wieħed mill-miri prinċipali.

Għall-flessigurtà, ir-rwol tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali allura għadu strument importanti biex wieħed jittratta r-riskji soċjali fil-futur qrib u fil-futur imbiegħed. Joffri lir-reċipjenti l-mezzi biex jegħlbu perijodi bla impjieg. Dawn il-benefiċċji ma għandhomx jikkostitwixxu nassa għall-individwi, eż. forma ta' benefiċċji għall-qagħad ġenerużi ż-żejjed jew bla limitu, li jistgħu jaqbdu lin-nies fil-qagħad f'ċerti każijiet. L-enfażi allura qegħda li 'ix-xogħol jaqbel' mingħajr ma wieħed jinsa l-ħtieġa li n-nies jingħataw il-mezzi biex jegħlbu perijodi meta ma jistgħux jaħdmu għal xi raġuni.

Sistemi tal-protezzjoni soċjali differenti jagħmlu enfażi fuq settijiet differenti ta' benefiċċji u mezzi għall-finanzjament ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali. Ħafna tipoloġiji tal-istat assistenzjali ġew proposti. Dik li tmexxi d-dibattitu l-aktar spiss hi dik żviluppata inizjalment minn Esping-Andersen (1990), li jidentifika tliet tipi ta' stat assistenzjali (l-istat assistenzjali korporattiv/konservattiv, l-istat assistenzjali liberali u l-istat assistenzjali soċjal demokratiku), kumplementat mir-raba' mudell, l-istat assistenzjali Mediterran (Ferrera, 1996). Madankollu s-sistemi kollha adattaw għal tibdiliet fid-direttivi u saru mudelli aktar ibridi. Huwa diffiċli wkoll li jiġu klassifikati l-Istati Membri ġodda bl-użu ta' din it-tipoloġija. Madankollu, is-sistemi kollha adattaw għal tibdiliet fit-direttivi u saru mudelli aktar ibridi. Huwa diffiċli wkoll tikklassifika l-Istati Membri l-ġodda bl-użu ta' din it-tipoloġija. Madankollu, ibbażat fuq it-tipoloġija, xi sfurzar għal kull waħda mis-sistemi jista' jiġi identifikat[11]. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati fid-dibattitu dwar il-flessigurtà għal kull waħda mis-sistemi tal-protezzjoni soċjali.

## Infrastruttura soċjali

Minbarra d-direttivi dwar is-suq tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali, istituzzjonijiet soċjali oħra fuq livell nazzjonali għandhom rwol fil-mod li l-flessigurtà, il-flessibilità, l-impjegabbiltà u l-parteċipazzjoni fl-impjieg jistgħu jaħdmu flimkien. Għażliet tal-impjieg jistgħu jiġu determinati wkoll mid-disponibilità ta' infrastruttura soċjali. Eżempju ta' dan hu kif il-wild u l-kura tat-tfal huma istituzzjonalizzati f'soċjetà. L-istess huwa minnu għall-kura tal-anzjani.

Il-parteċipazzjoni ta' ġenituri impjegati, u b'mod partikolari ta' ommijiet impjegati, fis-suq tax-xogħol jista' jiddependi fuq id-disponibilità ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal u għall-kura tat-tfal wara l-iskola, li l-provvista tagħhom tvarja ħafna minn pajjiż għal pajjiż. Il-ħinijiet tal-ftuħ, il-kwalità u l-ispiża ta' dawn il-provvisti, jekk humiex pubbliċi, privati jew imħallsa bi flus pubbliku, għandhom influwenza kbira fuq l-għażliet tal-ġenituri impjegati.

Il-ġenituri jistgħu jagħżlu li joqogħdu d-dar għal żmien itwal meta t-tfal tagħhom ikunu għadhom żgħar (il-lif tal-ġenituri). Hawnhekk l-għażla spiss tkun influwenzata mid-disponibilità, id-dewmien u l-ġenerożità tal-benefiċċji (Anxo et al, 2006a). Għal perijodi ta' lif imtawla aktar, huwa importanti li jiġi faċilitat ir-ritorn għax-xogħol (hux full-time jew part-time).

[11] L-obbligi differenti għal kull waħda mis-sistemi huma: għal sistemi korporattivi – finanzjament ta' pensjonijiet mingħajr żieda sproporzjonata fl-ispejjeż tax-xogħol; għal sistemi liberali – sistema doppja kkawżata mid-diffikultà fil-ksib ta' ritorn għall-impjieg totali u l-fenomenu ta' żgħażagħ qegħda u ġenituri waħedhom; għal sistemi soċjali demokratiċi – kif titkattar id-disponibilità tax-xogħol, l-aktar għal dawk bla sengħa, mingħajr ma jiġi sfidat il-prinċipju egalitarju tad-demokrazija soċjali; għal sistemi Mediterranji – kif titkattar il-flessibilità filwaqt li tiġi żgurata xi sigurtà ekonomika għall-impjegati.

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

F'xi pajjiżi, ir-rikors għall-impjieg part-time, partikolarment għan-nisa, hu mezz komuni għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata. Fl-Olanda, per eżempju, maġġoranza mdaqqsa ta' nisa impjegati jaħdmu part-time u kważi nofs l-impjegati (nisa u rġiel) ukoll jaħdmu part-time.

Allura, pajjiżi u ċittadini jwieġbu b'modi differenti ħafna għat-taħlita tax- xogħol u l-familja: minn ħruġ mis-suq tax-xogħol għal perijodi tal-lif imtawla aktar (lif tal-ġenituri) għal taħlita ta' xogħol u wild tat-tfal (fejn id-disponibilità, l-ispiża u l-kwalità tal-faċilitajiet tal-kura jsiru fatturi kritiċi).

## Il-flessigurtà fuq livell domestiku

Kumplessità oħra hi li – anke jekk il-flessigurtà hi primarjament kwistjoni dwar ir-relazzjoni bejn min jimpjega u l-impjegati – il-flessibilità, u b'mod partikolari s-sigurtà, huma elementi b'riperkussjonijiet ovvji fuq livell domestiku.

Il-kalkolu l-aktar importanti ta' introjtu hu spiss fuq livell domestiku pjuttost milli dak individwali. Dan jista' jkun il-każ ukoll f'termini ta' allokazzjoni ta' ħin, għax-xogħol u mhux għax-xogħol, min-naħa tal-adulti b'dipendenti. Għal din ir-raġuni, il-kompożizzjoni domestika hi element importanti li wieħed għandu jżomm f'moħħu meta jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta' forom flessibbli ta' xogħol peress li din, ukoll, tinfluwenza l-possibiltajiet għad-dħul fis-suq tax-xogħol tul il-ħajja (Riedmann et al, 2006).

Nuqqas ta' sigurtà fl-introjtu hu ta' detriment mhux biss għal ħaddiem individwali imma anke għas-sitwazzjoni domestika tiegħu jew tagħha. Fl-analiżi tal-Fondazzjoni tal-faqar waqt l-impjieg, wieħed jista' jara li hemm rabta ċara bejn il-kompożizzjoni domestika, kuntratti mhux permanenti jew mogħdijiet tal-karriera interrotti u vulnerabilità akbar (Peña-Casas u Latta, 2004). Allura, wieħed għandu jkun konxju ta' nasbiet possibbli tal-flessigurtà li jirriżultaw f'aktar faqar waqt l-impjieg.

© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009 

# Indikaturi tal-politika

## Riflessjonijiet dwar il-politika

Meta nħolqu sistemi tal-protezzjoni soċjali Ewropej, kienu bbażati fuq il-'mudell tar-raġel li jaqla' l-għajxien tal-familja' karatterizzat minn introjtu wieħed fil-familja (ir-raġel li jaqla' l-għajxien tal-familja) bl-organizzazzjoni tal-familja/domestika r-responsabbiltà prinċipali tal-mara. Il-ħaddiema spiss kienu jibqgħu fl-istess impjieg tul il-ħajja tax-xogħol kollha tagħhom. Bit-tkabbir tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol kif ukoll it-tifrix ta' aktar trajettorji episodiċi, skontinwi fil-karriera tfaċċa ffukar imġedded fuq possibiltajiet differenti għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tul il-ħajja. Element prinċipali li għandu jiġi kkunsidrat hi l-konsegwenza tat-tendenzi msemmija qabel fuq l-aċċess għal drittijiet għall-protezzjoni soċjali.

Element importanti fir-riflessjoni hi s-sitwazzjoni finanzjarja u istituzzjonali ta' kull Stat Membru, li għandha impatt fuq il-possibiltajiet tar-riforma. Għandu wkoll jiġi enfażizzat li r-riformi kollha jitolbu mhux biss ħafna kuraġġ politiku iżda jistgħu jenħtieġu wkoll il-ħin biex juru r-riżultati, skont il-kuntest ekonomiku speċifiku. It-trasferabilità possibbli ta' 'ideat' oħra dwar il-flessigurtà tiddependi fuq il-kapaċità ekonomika u l-kapaċità tal-politika istituzzjonali, inklużi l-atturi tal-veto, il-preferenzi, il-vijabilità ekonomika u r-rieda politika biex dawn ir-riformi jiġu aċċettati fuq livelli differenti.

## Il-fiduċja bħala prerekwiżit tal-flessigurtà

Biex tirnexxi l-flessigurtà, huwa importanti li wieħed jirrifletti fuq il-konsegwenzi għall-partijiet involuti kollha: għall-individwu (il-ħaddiem), għas-soċjetà, għall-kumpaniji. L-element prinċipali li jgħaqqadhom hi l-fiduċja. Jekk in-nies jemmnu fil-ġejjieni, jafu jkunu lesti jieħdu aktar riskji fir-rigward tal-istat tal-impjieg tagħhom, biex jaħdmu aktar 'flessibbilment' (flessibilità kuntrattwali, fil-ħin tax-xogħol, funzjonali) u jgħaqqdu x-xogħol mal-bini ta' familja.

In-nies għandhom ukoll ikunu jistgħu jafdaw fil-bidliet: ma għandhomx jikkunsidraw il-bidla bħala intrinsikament negattiva u għandhom jiġu assigurati li hemm il-mezzi biex wieħed jadatta għal ċirkostanzi ġodda. Eżempju ta' dan hu l-fatt li leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tal-impjieg relatattivament dgħajfa tikkoeżisti fid-Danimarka ma' livell għoli ta' bdil ta' impjiegi: 25% ta' impjegati Daniżi jbiddlu l-impjieg kull sena. Dan hu negozju aċċettat għaliex hemm kunfidenza qawwija fis-sejba ta' impjieg ieħor, ekwivalenti, fi żmien raġonevoli, minħabba kemm il-ħidma ġenerali ekonomika tal-pajjiż u b'riżultat ta' direttivi Daniżi attivi dwar is-suq tax-xogħol, inklużi benefiċċji ġenerużi għal min hu qiegħed.

In-nies għandhom ikunu jistgħu jafdaw fix-xogħol: il-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jagħmlu pjanijiet tul ħajjithom mingħajr wisq inkonvenjenzi u riskji għall-karriera/il-pensjonijiet tagħhom. L-interruzzjonijiet u t-tranżizzjoniiet fix-xogħol/fl-impjieg għandhom ikunu organizzati f'mod li l-ħaddiema għandhom l-istruttura tas-sostenn meħtieġa biex jgħaqqdu l-ħajja tax-xogħol u dik mhux tax-xogħol. It-tranżizzjonijiet għandhom jiġu mwittija biex iseħħu tul il-ħajja bejn xogħol full-time u part-time, bejn forom differenti tal-istat tal-impjieg u biex jiġu megħluba perijodi ta' qagħad. Il-ħolqien ta' impjiegi, il-kompetittività u tkabbir ekonomiku qawwi huma wkoll, bla dubju, fatturi importanti ħafna għall-assigurazzjoni li tranżizzjonijiet simili jirnexxu.

Sabiex tinloloq din is-soċjetà ta' fiduċja, sistemi Ewropej għandhom jiġu addattati għal din ir-realtà ġdida: is-sistemi tal-protezzjoni soċjali, is-sistemi tas-suq tax-xogħol u l-infrastruttura soċjali. M'hemm ebda soluzzjoni 'daqs wieħed għal kulħadd', li tista' tiġi trasferita malajr minn pajjiż għal ieħor.


© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

## Rwol għall-imsieħba kollha

Il-fiduċja reċiproka hi importanti ħafna bejn l-atturi kollha nvoluti f'din il-konfigurazzjoni, anke bejn l-imsieħba soċjali u l-gvern. Ukoll, jenħtieġ iż-żmien biex jiġu implimentati u jinkisbu riżultati minn kwalunkwe riformi. L-imsieħba soċjali jista' jkollhom rwol importanti ħafna kemm fl-aċċettazzjoni iżda wkoll fl-immudellar ta' kwalunkwe tibdiliet li għandhom jiġu ntrodotti fuq il-livell ta' kumpanija (u anke fuq livell settorali u nazzjonali). Jekk l-imsieħba soċjali jistgħu jaqblu fuq mod biex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet diffiċli, forsi jippruvaw jiżviluppaw il-prattika tajba biex dan jagħmluh. It-trejdunjins għandhom ikunu lesti jaċċettaw anqas sigurtà fix-xogħol fil-futur qrib u aktar sigurtà fl-impjieg fil-futur imbiegħed.[12] Uħud mill-proċessi tal-bidla jieħdu xi żmien biex juru l-frott. Jekk jiġu nklużi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni, dan jista' jkattar l-element ta' fiduċja.

L-imsieħba soċjali jistgħu jipparteċipaw fuq livelli differenti. Huma nvoluti l-aktar evidentement fuq il-livell tan-negozjar lokali, fejn jista' jkollhom rwol vitali fin-negozjati fuq livell ta' kumpanija fuq serje wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol, it-taħriġ u l-paga. Uħud minn dawn in-negozjati jistgħu jseħħu fuq livelli differenti: kumpanija, settorali jew negozjar kollettiv nazzjonali. Barra minn hekk, f'xi pajjiżi, l-imsieħba soċjali għandhom rwol fil-proċess leġiżlattiv, hux espliċitament, f'rwol konsultattiv jew permezz ta' kanali oħra tal-influwenza.

Id-diskussjonijiet fuq il-livelli kollha rilevanti jistgħu jwasslu għal kompromess bejn il-flessibilità u s-sigurtà.

## Strateġija integrata, fuq bosta livelli

Minħabba n-natura multidimensjonali tal-flessigurtà, huwa importanti li wieħed iħabrek għall-integrazzjoni ta' oqsma differenti tal-politika. Politika aktar koerenti biex tittratta l-kwistjoni, aktar interazzjoni bejn l-elementi differenti u bejn direttivi differenti (liġi tax-xogħol, direttivi għas-suq tax-xogħol u sistemi tal-protezzjoni soċjali) huma meħtieġa biex jinħolqu impjieg sostenibbli u koeżjoni soċjali.

M'hemm l-ebda mod perfett biex iseħħ dan, hux il-mudell 'Daniż' b'aktar flessibilità għall-ħaddiema kollha, jew strateġija aktar 'suq tax-xogħol tranżizzjonali' bħall-mudell Olandiż li fih in-nies jidħlu u joħorġu mis-suq tax-xogħol. Madankollu, huwa importanti fis-sistemi kollha li wieħed ikollu l-atturi kollha nvoluti u kommessi fuq il-livelli rilevanti f'ambjent tripartitiku.

Bħal fi kwalunkwe proċess ta' bidla, huwa ċar li għall-proċess tal-flessigurtà, irid isir negozjar fuq il-livelli kollha. Dan jimplika rwol prinċipali għad-djalogu, b'mod partikolari djalogu soċjali, dwar il-kontenut tat-tibdiliet meħtieġa u dwar il-mod tal-implimentazzjoni ta' dawn it-tibdiliet.

[12] Diskors minn Per Madsen waqt konferenza dwar 'Swieq tax-Xogħol Tranżizzjonali u l-flessigurtà ', Amsterdam, Diċembru 2006.

© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009 

## Kunsiderazzjoni ta' riskji soċjali ġodda

L-impatt tal-arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol tul il-ħajja għandu jiġi kkunsidrat mill-aspett tal-effett tagħhom fuq id-drittijiet għall-protezzjoni, soċjali, l-aċċess għal elementi differenti tas-sistemi tas-sigurtà, il-livell ta' introjtu u/jew il-benefiċċji tal-kumpens, u, fl-aħħar mill-aħħar, is-sostenibilità finanzjarja tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

In-nuqqas ta' sigurtà dwar l-introjtu hu detrimentali mhux biss għall-ħaddiem individwali iżda wkoll għas-sitwazzjoni domestika tiegħu jew tagħha. Fl-analiżi tal-Fondazzjoni tal-faqar waqt l-impjieg, wieħed jista' jara li hemm rabta ċara bejn il-kompożizzjoni domestika, kuntratti mhux permanenti jew mogħdijiet tal-karriera interrotti, u l-vulnerabbilità akbar.[13] Allura, wieħed għandu jkun konxju ta' nases possibbli tal-flessigurtà li jirriżultaw f'aktar faqar waqt l-impjieg.

Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-ħaddiema l-aktar vulnerabbli, li forsi ma japprofittawx ruħhom mit-taħriġ u t-titjib fis-snajja'. Forom differenti ta' taħriġ jistgħu jkunu meħtieġa għal gruppi partikolari ta' ħaddiema (eż. dawk b'diffikultajiet biex jitgħallmu jew li jkunu għejjew jitgħallmu). L-idea wara l-flessigurtà hi dik ta' moviment 'il fuq f'trajettorja tal-karriera. Xi ħaddiema qegħdin fil-periklu li jinqabdu ġo 'kuntratti qosra, ħżiena'.

## Ir-rikonoxximent tad-drittijiet

Kunsiderazzjoni mill-ġdid tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandha ssir b'mod sistematiku biex jiġi kkunsidrat l-impatt ta' aktar flessibilità u flessigurtà fuq l-individwi u s-sistemi. Din tista' tiġi mmudellata fuq il-koordinazzjoni tad-drittijiet għas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema immigranti u tiġi bbażata fuq l-istess prinċipji importanti:[14]

- ugwaljanza fit-trattament (bħal fil-mudell Olandiż bejn kuntratti part-time u full-time);
- leġiżlazzjonijiet għal drittijiet li jinkludu 'tranżizzjonijiet' bejn stati/kuntratti/perijodi tal-impjieg differenti (eż. bejn impjieg u impjieg ta' min jaħdem għal rasu, bejn kuntratti differenti u b'perijodi ta' qagħad);
- aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni, żamma ta' drittijiet (eż. drittijiet għall-bini ta' pensjoni);
- trasferibbiltà ta' drittijiet, l-aktar waqt tranżizzjonijiet: żamma ta' drittijiet miksuba (dan jista' jkun l-aktar diffiċli, peress li uħud mid-drittijiet miġbura huma konnessi b'mod inerenti mal-kuntratt, eż. aċċess għall-kura tas-saħħa (supplementari)).

Aspett importanti ieħor li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu analizzati l-konsegwenzi ta' aktar flessibilità għall-individwi hu l-'pakkett' globali ta' drittijiet soċjali. Per eżempju, hu importanti li wieħed jirrifletti fuq id-drittijiet kollha tal-protezzjoni soċjali, kemm skemi tal-ewwel pilastru, jiġifieri sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll skemi tat-tieni pilastru, bħal skemi okkupazzjonali għal pensjonijiet u kura tas-saħħa supplementari.

Il-flessigurtà hi sfida enormi għas-snin li ġejjin u teħtieġ riflessjoni serja min-naħa tal-atturi kollha nvoluti, fuq il-livelli kollha, f'kull Stat Membru u fuq il-livell Ewropew. Madankollu, għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi attivament għal suq tax-xogħol aktar kompetittiv u produttiv b'livelli ogħla ta' impjieg waqt li żżomm mal-prinċipji bażiċi tal-mudell soċjali Ewropew.

---

[13] *Working poor in the EU*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, 2004, **http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0467.htm**

[14] Regolament tal-Koordinazzjoni 1408/71 dwar is-sigurtà soċjali għall-ħaddiema emigranti .

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

## Informazzjoni addizzjonali

Anxo D., Fagan C., Smith M., Letablier M. u Perraudin C, *Parental leave in European companies*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, 2006a, disponibbli fuq **http://eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0687.htm**

Anxo D., Boulin J. u Fagan C., *Working time options over the life course: new work patterns and company strategies*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, Lussemburgu, 2006b, disponibbli fuq **http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef05160.htm**

Anxo D., Fagan C., Smith M., Letablier M. u Perraudin C, *Part-time work in European companies – Establishment survey on working time 2004-2005*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, Lussemburgu, 2007, disponibbli fuq **http://eurofound.eu/publications/htmlfiles/ef06102.htm**

Chung H., Ester P. u Kerkhofs M., *Flessibilità at the firm level, a typology of working time flessibilità*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, Lussemburgu, 2007

Esping-Anderson, G., *The three worlds of welfare capitalism*, Princeton University Press, New Jersey, 1990.

Ferrera M., 'The southern model of welfare in social Europe', *Journal of European Social Policy*, 1996, p.17-37.

Goudswaard A. u de Nanteuil M., *Flessibilità and working conditions: a qualitative and comparative study in seven EU Member States*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, Lussemburgu, 2000, disponibbli fuq **http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0007.htm**

Klammer U, Keuzenkamp S., Cebrian I, Fagan C., Klenner C. u Moreno G., *Working time options over the life course: changing social is-sigurtà structures*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, Lussemburgu, 2006, disponibbli fuq **http://www.eurofound.eu.int/pubdocs/2005/101/en/1/ef05101en.pdf**

Muffels R., Chung H., Fouarge D., Klammer U. Luijkx R., Manzoni A u Wilthagen T., *Flexibility and security over the life course: results and policy implications*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, fil-futur qrib.

Naegele G., *A new organisation of time over working life*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Lussemburgu, 2003, disponibbli fuq **http://eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0336.htm**

Parent-Thirion A., Fernandez E., Hurley J. u Vermeylen G., *Fourth European Working Conditions Survey*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Lussemburgu, 2007, disponibbli fuq **http://eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0698.htm**

© Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009 

Peña-Casas R. u Latta M, *Working poor in the EU*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Lussemburgu, 2004, disponibbli fuq **http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0467.htm**

Riedmann A., Bielenski H., Szczurowska T. u Wagner A., *Working time and work–life balance in European companies*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Lussemburgu, 2006, disponibbli fuq **http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0627.htm**

Vielle P. u Walthery P., *Flexibility and social protection*, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali Lussemburgu, 2003, disponibbli fuq **http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0355.htm**

Wilthagen T., 'Dutch flexicurity policies: normalisation of atypical work', dokument ippreżentat waqt is-Serje ta' Seminars tal-Fondazzjoni dwar Il-Flessigurtà u L-Impjegabbiltà, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, Dublin, Mejju 2006, disponibbli fuq **http://eurofound.europa.eu/docs/events/fss/060522/Wilthagen_pres.pdf**

 © Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, 2009

‘L-imsieħba soċjali qegħdin f’pożizzjoni ideali biex jidentifikaw metodi ġodda tax-xogħol. Ħafna mis-soluzzjonijiet konnessi mat-titjib fil-flessibilità u s-sigurtà fil-post tax-xogħol qegħdin fuq livell kummerċjali jew tal-fergħa u jiddependu fil-parti l-kbira tagħhom fuq il-kooperazzjoni tajba bejn iż-żewġ naħat tal-industrija.’

**Vladimir Špidla, Kummissarju Ewropew għall-Impjieg, is-Servizzi Soċjali u l-Opportunitajiet Ugwali**

‘Il-flessigurtà hi strateġija ġdida li għandha l-mira li twaqqaf id-dibattitu sterili bejn il-proponenti ta’ aktar flessibilità u dawk li jfittxu li jżommu u jiddefendu l-forom tradizzjonali tas-sigurtà. Tirrikonoxxi li n-negozji, imma wkoll xi ħaddiema, kienu qed jitolbu għal aktar flessibilità fis-suq tax-xogħol. Imma wkoll li l-iżvilupp ta’ forom “atipiċi” ta’ xogħol jistgħu jwasslu għal segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol, bl-effetti kollha detrimentali li dan iġib miegħu għall-introjtu, il-prospetti fil-karriera u l-motivazzjoni tal-ħaddiema nvoluti.’

**Nikolaus van der Pas, Direttur Ġenerali għall-Impjieg, is-Servizzi Soċjali u l-Opportunitajiet Ugwali, Kummissjoni Ewropea**

**Il-Konklużjonijiet tal-Fondazzjoni jipprovdu informazzjoni bażika pertinenti u indikaturi tal-politika għall-atturi u l-partijiet interessati kollha nvoluti fid-dibattitu Ewropew preżenti dwar il-futur tal-politika soċjali. Il-kontenut hu bbażat fuq ir-riċerka tal-Fondazzjoni u jirrifletti l-istruttura awtonoma u tripartitika tagħha.**

EF/07/90/MT